**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 28 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 509/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 2575/2021)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu f'Malta fil-hamsa (5) taDiċembru tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) liema żwieġ ġie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru elfejn hames mija hamsa u sebgħin tas-sena elfejn u wiehed u għoxrin 2575/2021) (Ara Dok 'Aanness);

2. Illi minn dan iż-żwieġ ma twieldux ulied;

3. Illi l-partijiet illum huma legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Michel Dingli minn l-erbgħa u għoxrin (24) taAwwissu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) (Ara Dok 'B' anness);

4. Illi skont l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali (Ara Dok B', Klawsola 8), l-ebda manteniment m'hu dovut fir-rispett tal-konjugi stante li l-partijiet formalment iddikjaraw li huma rrinunzjaw għad-dritt tagħhom għall-manteniment mingħand xulxin;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli għal rikonciljazzjoni bejnet il-partijiet stante illi illum

6. għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għal-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taż-żwieġ bejnet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imholli għal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieġ tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona illi ghalkemm huwa moralment ma jaqbilx mad-divorzju ghal ragunijiet ta’ kuxjenza huwa jaqbel mal-fatti kollha kif esposti mill-attrici u ghalhekk ma hux joggezzjona ghat-talba tal-attrici sabiex jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg b’divorzju;

L-intimat jitlob umilment li huwa ma jehilx l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta’ Ottubru 2023;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-24 ta' Awwissu 2023 u de facto separati mit-8 ta' Mejju 2023;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.